**PARLAMENT TA' MALTA**

**AĠENDA**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

SEDUTA NUMRU 145

It-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2023 fl-4:00 p.m.

**MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI**

***  9840.  L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG  staqsiet lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarjat Parlamentari jagħti l-lista ta' kuntratti, direct orders, kummissjonijiet u/jew ingaġġi oħra mogħtija mill-Ministeru tiegħu mis-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Għal kull każ jista' jagħti:
a. id-data meta ngħata;
b. l-iscope of supply u/jew ix-xogħol u/jew il-provista li jkopri;
ċ. il-valur tiegħu;
d. it-termini li fih iridu jsiru x-xogħlijiet;
e. il-metodu ta' proċedura ta' xiri li ntuża; u
f. x'kariga kellu l-uffiċjal pubbliku li awtorizza x-xiri?

08/06/2023

***  9841.  L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG  staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jagħti l-lista ta' kuntratti, direct orders, kummissjonijiet u/jew ingaġġi oħra mogħtija mill-Ministeru tiegħu mis-26 ta' Marzu 2022 sal-ġurnata ta' meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Għal kull każ jista' jagħti:
a. id-data meta' ngħata;
b. l-iscope of supply u/jew ix-xogħol u/jew il-provista li jkopri;
ċ. il-valur tiegħu;
d. it-termini li fih iridu jsiru x-xogħlijiet;
e. il-metodu ta' proċedura ta' xiri li ntuża; u
f. x'kariga kellu l-uffiċjal pubbliku li awtorizza x-xiri?

08/06/2023

***	9842.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jagħti l-lista ta’ kuntratti, direct orders, kummissjonijiet u/jew ingaġġi oħra mogħtija mill-Ministeru tiegħu mis-26 ta’ Marzu 2022 sal-ġurnata ta’ meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Għal kull każ jista’ jagħti:
a. id-data meta’ ngħata;
b. l-iscope of supply u/jew ix-xogħol u/jew il-provista li jkopri;
ċ. il-valur tiegħu;
d. it-termini li fih iridu jsiru x-xogħlijiet;
e. il-metodu ta’ proċedura ta’ xiri li ntuża; u
f. x’kariga kellu l-uffiċjal pubbliku li awtorizza x-xiri?

08/06/2023

***	9843.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jagħti l-lista ta’ kuntratti, direct orders, kummissjonijiet u/jew ingaġġi oħra mogħtija mill-Ministeru tiegħu mis-26 ta’ Marzu 2022 sal-ġurnata ta’ meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija? Għal kull każ jista’ jagħti:
a. id-data meta’ ngħata;
b. l-iscope of supply u/jew ix-xogħol u/jew il-provista li jkopri;
ċ. il-valur tiegħu;
d. it-termini li fih iridu jsiru x-xogħlijiet;
e. il-metodu ta’ proċedura ta’ xiri li ntuża; u
f. x’kariga kellu l-uffiċjal pubbliku li awtorizza x-xiri?

08/06/2023

***	9844.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista’ l-Prim Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

***	9845.	L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG	staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista’ l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarjat Parlamentari, jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

***	10220.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10221.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10222.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10223.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10224.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Ġustizzja

Jista' l-Ministru jipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10225.	L-ONOR. IVAN CASTILLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jipprovdi l-offerti tenders pubbliċi kollha aġġudikati u mirbuħa għax-xogħol ta' tindif, xogħol klerikali, xogħol ta' sigurtà, jew kwalunkwe xogħol estern ieħor li jsir minn aġenziji li ngħataw matul is-snin 2018, 2019, 2020, 2021, 2022 u 2023?

15/06/2023

***	10546.	L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10023 u jgħid kemm ġiet tiswa kull Foundation Day fi ħdan il-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħarsien Soċjali (FSWS) li saret fl-2022? Jista' jagħti break down tal-infiq ta' kull waħda minn dawn il-Foundation Days?

27/06/2023

*        10597.    **L-ONOR. JULIE ZAHRA**                    **staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar il-Memorandum of Understanding li l-individwu, li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, iffirma fis-26 ta' Ġunju 2023 ma' żewġ kumpaniji li d-dettalji dwarhom qed jintbagħtu separatament?

28/06/2023

*        10644.    **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti l-ammont ta' dijanjosi tal-HIV bejn l-1 ta' Jannar 2022 u l-31 ta' Diċembru 2022? Jista' jgħid kemm minn dawn bħala persentaġġ kienu nisa, irġiel u/jew persuni non-binary?

30/06/2023

*        10645.    **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il dijanjosi ta' STIs kien hemm fis-sena 2022? Liema kienu dawn l-STIs?

30/06/2023

*        10646.    **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid xi pjan hemm maħsub għas-sajf marbut mas-saħħa sesswali u faċilitajiet ta' ttestjar tal-HIV u STIs oħra, peress li se jkun hemm numru ta' parties b'folol kbar li qed jiġu organizzati f'Malta fix-xhur li ġejjin?

30/06/2023

*        10647.    **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid hemmx pjan biex l-MPOX vaccine jingħata lill-gruppi li huma f'riskju akbar minħabba l-parties li se jiġu organizzati f'Malta fix-xhur li ġejjin?

30/06/2023

*        10648.    **L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Billi l-Psychiatric Unit ġewwa l-Isptar Mater Dei ngħalqet minħabba l-COVID-19, u issa jidher li l-pandemija ġiet ikkontrollata, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hemmx il-ħsieb li l-Psychiatric Unit terġa' tinfetaħ?

30/06/2023

***  10651. L-ONOR. DAVID AGIUS staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9596 u jgħid fil-Ministeru mmexxi minnu kemm hemm persuni li bħalissa għandhom car allowance, xi grad huma, kemm hemm f'kull grad u kemm hi din l-allowance għal kull xahar u għal kull sena, għal kull wieħed minnhom?

30/06/2023

***  10712. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tagħha? Tista' tgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha? Għal kull każ, tista' tgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

***  10713. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Tista' tgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

***  10714. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

***  10715. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

***  10716. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

*** 10717. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI staqsiet lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

*** 10739. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għandux informazzjoni dwar il-paga medja tal-persuni b'diżabilità għal dawk il-persuni impjegati full-time, part-time eċċ. separatament għal kull kategorija? Jekk iva, kif titqabbel din il-paga medja mal-paga medja nazzjonali għal kull kategorija? Jekk hemm differenza f'dawn il-pagi, jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kif qed tiġi indirizzata din id-differenza?

30/06/2023

*** 10740. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk Transport Malta approvatx xi spazji li fihom jipparkjaw l-e-scooters? Jekk iva, f'liema lokalitajiet u fejn jinsabu dawn l-ispazji approvati għal dan il-għan?

30/06/2023

*** 10741. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jgħid x'inhu jwaqqaf il-ftuħ tal-parkeġġ taħt l-iskola primarja tal-Qawra għall-użu tal-pubbliku hekk kif reġa' wasal sajf ieħor u dan il-parkeġġ għadu jinsab magħluq? Meta hu maħsub li dan jinfetaħ?

30/06/2023

*** 10742. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopji tal-memorandum of understanding li ġew iffirmati mill-Kummissarju tal-Films Malti, fosthom dak mal-BOV, mal-Malta Enterprise u mal-Kummissarju tal-Films Ingliż, matul il-promozzjoni tal-Mediterrane Film Festival?

03/07/2023

*** 10743. L-ONOR. JULIE ZAHRA staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10234 dwar il-membri tal-Arts Council Malta, fejn il-Ministru qal li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u peress li l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u huma mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi hu mistenni minnhom?

03/07/2023

***        10744.        L-ONOR. JULIE ZAHRA                        staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10387 dwar il-membri tal-Cultural Heritage Advisory Committee, fejn il-Ministru qal li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u peress li l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u huma mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi hu mistenni minnhom?

03/07/2023

***        10746.        L-ONOR. CHRIS SAID                        staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid, sena b'sena mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il talba għall-ħruġ ta' interim measures saret da parti tad-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) a tenur tal-artikolu 12E tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378? Jekk saru, kemm minnhom ġew milqugħa mill-Qorti?

03/07/2023

***        10747.        L-ONOR. CHRIS SAID                        staqsa lill-**
Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

Tista' l-Ministru tgħid, sena b'sena mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm-il talba għall-ħruġ ta' interim measures saret da parti tad-Direttur Ġenerali (Kompetizzjoni) a tenur tal-artikolu 15 tal-Att dwar il-Kompetizzjoni, Kap. 379? Jekk saru, kemm minnhom ġew milqugħa mill-Qorti?

03/07/2023

***        10748.        L-ONOR. CHRIS SAID                        staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid jekk hux kompost l-Enforcement Decisions Committee fi ħdan l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA)? Jekk hu kompost, jista' jgħid min huma l-membri tiegħu, kemm hu t-terminu tal-ħatra ta' kull membru u abbażi ta' liema kriterji ġew appuntati?

03/07/2023

***        10749.        L-ONOR. CHRIS SAID                        staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett tal-Għar ta' Calypso ġewwa x-Xagħra Għawdex, liema għar issa ilu magħluq għall-pubbliku għal diversi snin peress li kienet ċediet parti minnu? *In vista* tal-fatt li ż-żewġ Ministri ta' qablu ddikjaraw kemm-il darba li x-xogħol kien wasal biex jibda u li dalwaqt jerġa' jinfetaħ, jista' l-Ministru jagħti break down tal-flus li ntefqu s'issa fuq dan il-proġett? Jista' jgħid ukoll meta hu ppjanat li jinbeda x-xogħol u meta se jitlesta u jerġa' jinfetaħ għall-pubbliku?

03/07/2023

*	**10750.	L-ONOR. CHRIS SAID			staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Ministeru għal Għawdex hux mistenni li jitlob finanzjament għall-bini jew irranġar ta' toroq minn fondi tal-Unjoni Ewropea għal dak li jirrigwarda toroq li jgħaqqdu rħula ma' xulxin, minkejja li dawn mhumiex toroq arterjali jew distributorji? Jekk iva, liema talbiet saru s'issa għal tali finanzjament?

03/07/2023

*	**10751.	L-ONOR. CHRIS SAID			staqsa lill-**
Ministru għal Għawdex

Fid-dawl tal-inċidenti riċenti u ta' dawn l-aħħar xhur li seħħew kemm fi Triq ir-Rabat kif ukoll Triq Ta' Xħajma, it-triq prinċipali li twassal għar-raħal tan-Nadur, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu jew beħsiebu jieħu l-Gvern jew l-entitajiet tiegħu biex tiġi indirizzata l-problema ta' sewqan eċċessiv jew abbużiv f'din it-triq?

03/07/2023

*	**10771.	L-ONOR. JULIE ZAHRA			staqsiet lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jagħti break down dettaljat tal-ispiża totali għall-Mediterrane Film Festival li tinkludi lista tal-ismijiet ta' kull persuna mistiedna mill-Kummissjoni Maltija tal-Films jew mill-Ministeru tiegħu u li tinkludi wkoll l-ispejjeż imħallsa minn fondi pubbliċi għal vjaġġar, akkomodazzjoni, trasport, ikel u xorb kif ukoll spejjeż oħra relatati għal kull persuna? Jista' jipprovdi break down finanzjarju għal kull nefqa li saret għas-serata tal-Gala Awards? Jista' jippubblika lista sħiħa tal-ġurnalisti barranin li ġew mistiedna u r-rappurtaġġ li taw lil pajjiżna u jgħid jekk tali rappurtaġġ kienx imħallas ukoll u kemm? Jista' wkoll jippubblika n-nefqa minn fondi pubbliċi f'forma ta' break down finanzjarju għan-nefqa f'marketing li saret għal dan il-Festival?

03/07/2023

*	**10773.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA		staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti ta' atti indeċenti, bejn Jannar 2022 u Ġunju 2023, ġewwa l-għasses, għassa għassa, madwar Malta u Għawdex? Fejn seħħew dawn l-atti indeċenti? Kemm mill-każijiet imsemmija ttieħdu passi kontra l-allegati persuni li abbużaw?

03/07/2023

*	**10774.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA		staqsiet lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet fejn persuni rreżistew l-arrest mill-pulizija bejn Jannar 2022 u Ġunju 2023? F'liema lokalitajiet seħħew dawn il-każijiet, lokalità lokalità?

03/07/2023

*	**10786.	L-ONOR. IVAN BARTOLO			staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx il-psychometric testing tal-kandidati għall-post ta' Assistent Kummissarju tal-Pulizija fil-proċess li għadu kemm ġie konkluż?

03/07/2023

***	10787.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid, sena b'sena mill-2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm iddaħħlu flus mis-CVA?

03/07/2023

***	10788.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10064 dwar l-embellishment li sar fil-blokok tal-Housing Estate f'Ta' Paris, Birkirkara, jista' l-Ministru jagħti break down tan-nefqa li saret blokka blokka?

03/07/2023

***	10789.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10068, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u jgħid kemm nisa/irġiel ta' aktar minn 60 sena għadhom jaħdmu mal-Gvern? Jista' jagħti n-numru skont l-età?

03/07/2023

***	10790.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid meta se jispiċċaw ix-xogħlijiet fuq Triq il-Linja, Wied Rmiedi u Triq id-Dorga, f'Ħ'Attard, u jgħid ukoll kemm se jiġu jiswew?

03/07/2023

***	10791.	L-ONOR. IVAN BARTOLO	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid meta se jispiċċaw ix-xogħlijiet fuq Triq il-Linja, Wied Rmiedi u Triq id-Dorga, f'Ħ'Attard, u tgħid ukoll kemm se jiġu jiswew?

03/07/2023

***	10799.	L-ONOR. GRAZIELLA GALEA	staqsiet lill-**
Ministru għal Għawdex

Jista' l-Ministru jgħid liema miżuri ta' sigurtà qed jittieħdu biex jiġi assigurat li jitneħħa l-periklu li hemm matul it-triq li twassal mir-Ramla l-Ħamra sax-Xagħra, Għawdex? Meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol marbut mas-sigurtà f'din it-triq?

03/07/2023

*	**10804.	L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA	staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni ngħatalhom l-istatus ta' refuġjat mill-2015 sal-ġurnata li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2023

*	**10812.	L-ONOR. JULIE ZAHRA	staqsiet lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9506 u 10102 u jgħid min huma d-debituri tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali? Jekk il-"miżati ta' eżami u amministrattivi" huma fuq bażi ta' flus kontanti, (irreferi għal paġna 9 tal-istqarrijiet finanzjarji awditjati tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2022) allura min irid jagħti l-flus lis-Sovrintendenza? Jista' jagħti lista komprensiva tad-debituri u l-ammonti rispettivi?

04/07/2023

*	**10821.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9994 u ċjoè: B'referenza għall-porzjon ta' art indikata bl-aħmar fuq il-pjanta li qed tintbagħat separatament, jista' l-Ministru jispeċifika min huma s-sidien ta' din l-art (inkluż jekk hemmx proprjetà tal-Gvern) u jgħid liema porzjon ta' art hija proprjetà tas-sidien rispettivi?

04/07/2023

*	**10822.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 9767 u jgħid x'inhi l-pożizzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar meta jkun hemm sentenza tal-qorti li tgħid li l-applikazzjoni kienet waħda ħażina u kontra l-liġi iżda l-bini jkun laħaq tela'? Jista' jikkonferma li skont it-Taqsima IX tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552), l-Awtorità tista' titlob li dan jitwaqqa'?

04/07/2023

*	**10823.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 9479 u 10313 jista' l-Prim Ministru jgħid liema entità toħroġ rapporti dwar jekk high rising buildings humiex earthquake-proof? Jekk m'hemm l-ebda entità li toħroġ tali rapporti, jista' jgħid jekk hemmx il-ħsieb li dawn jibdew isiru?

04/07/2023

*	**10824.	L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG	staqsa lill-**
Ministru għall-Anzjanità Attiva

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 9635 u 10318, li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet u lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, u jgħid kemm kien hemm li rċevew liċenzja Good Manufacturing Practice (GMP) mill-Awtorità dwar il-Mediċini?

04/07/2023

* 10825. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 9637 u 10316 jista’ l-Prim Ministru jgħid min huwa responsabbli għall-manutenzjoni, għat-tiswija, ir-railings, l-arbli tad-dawl, l-istruttura, il-madum u mill-ħsara strutturali tal-promenade minn San Ġiljan għal Tas-Sliema?

04/07/2023

* 10826. **L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** **staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10431 u jgħid kemm saru spezzjonijiet fuq commercial outlets ġewwa Paceville u San Ġiljan minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, biex jaraw li dawn l-istabbilimenti qed jużaw il-kuntrattur privat għall-ġbir tal-iskart? Jista’ jgħid jekk kienx hemm min kien mingħajr dan il-kuntratt?

04/07/2023

* 10836. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet

Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti li daħlu waqt il-perjodu tas-sejħa għall-proposti dwar il-konċessjoni ta' Evans Building?

04/07/2023

* 10837. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim iffirmat bejn il-Gvern Malti u l-Ordni Sovran Militari ta' Malta (SMOM) għal estensjoni tal-konċessjoni enfitewtika tal-binja tal-Kavalier ta’ San Ġwann biex din tintuża bħala l-ambaxxata tal-istess Ordni?

04/07/2023

* 10838. **L-ONOR. REBEKAH BORG** **staqsiet lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumenti u rapporti kollha tal-Health and Safety li saru b'rabta mal-proġett infrastrutturali li bħalissa qiegħed isir fiċ-ċentru tal-Mosta, kemm preliminari kif ukoll dawk li saru waqt li għaddej il-proġett?

04/07/2023

* 10845. **L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** **staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jara hux possibbli li Triq Lapsi, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

05/07/2023

*** 10846. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jara hux possibbli li Triq Mons. Mikiel Azzopardi, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

05/07/2023

*** 10847. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tara hux possibbli li Triq Lapsi, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

05/07/2023

*** 10848. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tara hux possibbli li Triq Mons. Mikiel Azzopardi, fis-Siġġiewi, ikollha tindif iktar regolari matul il-ġimgħa?

05/07/2023

*** 10849. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' mwiet permezz ta' suwiċidju, mill-pandemija s'issa, sena b'sena u skont l-età u l-ġeneru?

05/07/2023

*** 10850. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Peress li organizzazzjonijiet diversi qed ibassru li l-pandemija li jmiss se tkun waħda ta' saħħa mentali, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk din hux diġà qed tiġi esperjenzata f'Malta?

05/07/2023

*** 10851. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Peress li jidher li hemm żieda fl-imwiet ikkawżati mis-suwiċidju, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jipprevjeni dawn l-imwiet, u jekk il-mediċini għas-saħħa mentali jistgħux ikunu fuq il-lista tal-Ispiżerija tal-Għażla Tiegħek?

05/07/2023

*** 10852. L-ONOR. EVE BORG BONELLO staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Peress li jidher li hemm żieda fl-imwiet ikkawżati mis-suwiċidju, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jipprevjeni dawn l-imwiet u jibda kampanja rigoruża dwar il-prevenzjoni ta' mard mentali u t-trattamenti tas-saħħa mentali disponibbli kemm jista' jkun malajr?

05/07/2023

***  10853.  L-ONOR. EVE BORG BONELLO  staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Peress li jidher li hemm żieda fl-imwiet ikkawżati mis-suwiċidju, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jipprevjeni dawn l-imwiet u jgħid jekk hemmx promozzjoni aħjar tas-servizzi disponibbli, speċjalment dawk ta' natura ta' emerġenza?

05/07/2023

***  10854.  L-ONOR. EVE BORG BONELLO  staqsiet lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Peress li jidher li hemm żieda fl-imwiet ikkawżati mis-suwiċidju, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex jipprevjeni dawn l-imwiet u jgħid kemm hemm tobba pedjatriċi tas-saħħa mentali disponibbli?

05/07/2023

***  10882.  L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suġġetti mgħallma fis-sena skolastika 2022-2023 fl-iskola tal-ALP, jelenka liema huma u kemm kien hemm studenti jattendu għal kull suġġett?

05/07/2023

***  10883.  L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm suġġetti mgħallma fis-sena skolastika 2022-2023 fl-iskola ĠEM16+, jelenka liema huma u kemm kien hemm studenti jattendu għal kull suġġett?

05/07/2023

***  10884.  L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-suġġetti li ser ikunu qed jonqsu u liema huma s-suġġetti li ser ikunu qed jiżdiedu (jekk hemm) mis-sena skolastika li jmiss (2023/2024) fl-iskola tal-ALP u jagħti r-raġuni għaliex?

05/07/2023

***  10885.  L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI  staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid liema huma s-suġġetti li ser ikunu qed jonqsu u liema huma s-suġġetti li ser ikunu qed jiżdiedu (jekk hemm) mis-sena skolastika li jmiss (2023/2024) fl-iskola ĠEM16+ u jagħti r-raġuni għaliex?

05/07/2023

***	10886.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur fil-grad ta' għalliem ġie redundant mill-iskola ALP fi tmiem is-sena skolastika li qed tintemm (2022/2023) u jagħti elenku ta' x'suġġetti kienu jgħallmu?

05/07/2023

***	10887.	L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI	staqsa lill-**
Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni

Jista' l-Ministru jgħid kemm-il edukatur fil-grad ta' għalliem ġie redundant mill-iskola ĠEM16+ fi tmiem is-sena skolastika li qed tintemm (2022/2023) u jagħti elenku ta' x'suġġetti kienu jgħallmu?

05/07/2023

***	10895.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għat-Turiżmu

Jista' l-Ministru jgħid meta se jiġu sostitwiti arbli tad-dawl li ilhom bil-ħsara għal ħafna xhur (ritratti tagħhom qed jintbagħtu separatament) b'oħrajn ġodda u installati arbli tad-dawl li huma neqsin matul il-promenade ta' Tas-Sliema?

05/07/2023

***	10900.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 8624 u jagħti s-salarji gross u kwalunkwe allowance u/jew benefiċċji oħra tal-pożizzjonijiet li ġejjin fi ħdan il-PBS mill-2012 sal-lum:
Uffiċċjal Kap Eżekuttiv (CEO);
Chairman;
Editur;
Kap tal-Aħbarijiet; u
Managers?

06/07/2023

***	10901.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid kemm inbnew bus shelters ġodda mill-2013 sal-2022? Jista' jgħid ukoll kemm inbnew bus shelters ġodda fl-2023? Jista' jgħid fejn inbnew u kemm sewa kull bus shelter?

06/07/2023

***	10902.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

B'referenza għar-regolamenti li jgħidu li vetturi bil-"Y" Plates m'għandhomx jiġu pparkjati barra u għandhom jinżammu ġewwa garaxx, jista' l-Ministru jgħid min għandu l-awtorità li jimmulta dawn il-vetturi LPTV u lil min għandhom isiru rapporti meta dawn il-vetturi ma jinżammux ġewwa garaxxijiet skont l-imsemmija regolamenti?

06/07/2023

*	**10903.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali

Jista' l-Ministru jgħid jekk ħarġitx sejħa għall-offerti għax-xiri ta' radjijiet diġitali għas-CPD, LESA u Transport Malta u jekk iva, min ingħata l-offerta u meta ngħatat?

06/07/2023

*	**10904.	L-ONOR. GRAHAM BENCINI	staqsa lill-**
Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar

Jista’ l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija 8745, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ċjoe: Fid-dawl li bħalissa fil-pedamenti tal-Promenade ta’ Tas-Sliema bejn ix-Chalet u Qui-Si-Sana hemm periklu li jista’ jwassal għall-kollass tal-imsemmi promenade ta’ Tas-Sliema f’dik iż-żona, jista' l-Ministru:
a. jgħid jekk sarux xi studji professjonali li jiddeterminaw l-istat tal-pedamenti msemmija u jekk le, għaliex dan ma sarx immedjatament meta wieħed jara li ġie enfasizzat il-periklu imminenti;
b. jikkonferma jekk hemmx xi periklu imminenti li l-imsemmija promenade tiġġarraf; u
ċ. jikkonferma l-periklu, u jagħti spjega lill-Kamra ta' x'miżuri se jittieħdu u meta se jittieħdu biex tiġi żgurata s-sigurtà tan-nies li jimxu/jiġru fuq il-promenade, u jgħid meta se jsiru t-tiswijiet?

06/07/2023

*	**10912.	L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT	staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull membru tal-Bord tal-Malta Development Bank u ta' kull membru tal-Bord tal-Malita Investments Company Board?

06/07/2023

*	**10918.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali

Jista’ l-Ministru jara li d-dawl tal-elettriku pubbliku li hemm mitfi fi Triq il-Kapuċċini, f’Ħaż-Żabbar, faċċata tal-uffiċċju tal-assigurazzjoni, jiġi mixgħul u msewwi?

06/07/2023

*	**10919.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista’ l-Ministru tara li d-dawl tal-elettriku pubbliku li hemm mitfi fi Triq il-Kapuċċini, f’Ħaż-Żabbar, faċċata tal-uffiċċju tal-assigurazzjoni, jiġi mixgħul u msewwi?

06/07/2023

*	**10920.	L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI	staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm saru operazzjonijiet mill-bidu tas-sena li fihom kien hemm tibdil tal-irkoppa? Jista’ jgħid ukoll kemm għad hemm każijiet pendenti?

06/07/2023

*** 10921. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qegħdin jirċievu l-pensjoni magħrufa bħala tat-Teżor?

06/07/2023

*** 10922. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

Jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qegħdin jirċievu l-pensjoni magħrufa bħala tat-Teżor?

06/07/2023

*** 10923. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI staqsa lill-**
Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

Jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet għal talbiet għall-ażil tul l-ewwel sitt xhur ta’ din is-sena u kemm minnhom ġew rifjutati jew milqugħa?

06/07/2023

*** 10948. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10728, ġaladarba l-istudji meħtieġa għadhom għaddejjin, tista' l-Ministru tgħid fuq liema kriterji ttieħdet id-deċiżjoni li dan l-interconnector isir mal-Libja u mhux ma' xi pajjiż ieħor fl-Afrika ta' Fuq?

06/07/2023

*** 10949. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid jekk il-proprjetarju tal-Interconnector bejn Malta u Sqallija hijiex unikament l-Enemalta, u allura jekk huwiex inkluż mal-Assi tal-Enemalta fil-kontijiet tagħha?

06/07/2023

*** 10950. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid min huma l-membri tal-Bord ta' Interconnect Malta u x'inhi r-remunerazzjoni tagħhom, inkluż benefiċċji u allowances?

06/07/2023

*** 10951. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm impjegati ma' Interconnect Malta u x'inhuma l-gradi u s-salarji tagħhom?

06/07/2023

*** 10952. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-**
Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Tista' l-Ministru tagħti rendikont tal-pjan ta' ffinanzjar tat-tieni interconnector bejn Malta u Sqallija (fondi nazzjonali, fondi ewropej, Enemalta, eċċ), u min allura se jkun il-proprjetarju jew proprjetarji tiegħu?

06/07/2023

*** 10962. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-**
Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa

Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm imwiet u kemm twieldu persuni f’pajjiżna matul l-2022?

06/07/2023

*** 10969. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-**
Uffiċċju tal-Prim Ministru

Peress illi l-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ issottometta applikazzjoni lill-iStreet Naming Committee fuq talba ta’ diversi residenti ta’ triq ġdida li tagħmel ma’ Triq l-Indipendenza, Ħaż-Żebbug (Malta), (id-dettalji tal-post eżatt qegħdin jingħataw separatament), u li sal-ġurnata tal-lum din it-triq għadha mingħajr isem, jista’ l-Prim Ministru jgħid x’sar minn din l-applikazzjoni u kemm ilha pendenti? Jista’ jgħid kemm hemm applikazzjonijiet simili pendenti f’Ħaż-Żebbuġ?

06/07/2023

## MOZZJONIJIET

**160. IL-MINISTRU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI, L-ONOR. OWEN BONNICI, jipproponi:**

L-Ewwel Qari ta' Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda l-Att dwar Gvern Lokali, Kap. 363".

06.07.2023

**159. IL-MINISTRU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET, L-ONOR. SILVIO SCHEMBRI, JIPPROPONI ILLI L-KAMRA TAD-DEPUTATI TAPPROVA DIN IR-RIŻOLUZZJONI:**

Billi huwa l-għan tal-Gvern illi jippromwovi dawk l-inizjattivi kollha li huma ta' benefiċċju għall-ħolqien ta' impjiegi u tkabbir tal-ekonomija mhux l-inqas fil-prodott turistiku.

Billi l-prodott turistiku Malti dejjem qed iżid fil-popolarità, u billi l-pajjiż qiegħed dejjem jiffoka aktar minn qatt qabel fuq prodott turistiku ta' kwalità.

Illi anke r-resident lokali dejjem ifittex postijiet ta' divertiment u fejn jgħaddi l-ħin liberu f'ambjent ta' kwalità ogħla u aħjar.

Illi bil-ħolqien ta' diversi proġetti bħalma huma dawk li jinstabu fil-ponta ta' Tignè u fl-inħawi ta' madwar, sabiex il-prodott turistiku jkun jista' jikkompeti ma' dawk ta' pajjiżi ġirien tagħna u jaqdu l-kriterji odjerni tal-industrija turistika moderna, dejjem jiżdied il-bżonn ta' aktar faċilitajiet ta' divertiment u servizzi innovattivi.

Illi l-kumpanija Fortina Developments Ltd li hija waħda mill-kumpaniji li lesta biex tinvesti f'faċilitajiet tal-aqwa standards internazzjonali fl-industrija turistika, tant illi qiegħda tipproponi investiment ta' madwar tlieta u erba' miljun ewro (€3m - €4m) fir-rinovazzjoni u tkabbir tal-lido ġia eżistenti, proprjetà tal-istess Fortina/Fortel u f'mollijiet fuq wiċċ il-baħar għall-imbark u l-iżbark minn inġenji tal-baħar. Huwa kkalkulat illi dan l-iżvilupp se jżid madwar tletin impjieg dirett.

Billi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli datat 12 ta' Ġunju 1991 il-kumpanija Fortel Services Limited, li jagħmlu parti mill-Fortel/Fortina Group, kienu akkwistaw medda t'art, franka u libera fix-Xatt ta' Tignè tal-kejl superfiċjali ta' madwar 1346 $m^2$ u din speċifikament bil-kundizzjoni li sservi bħala estensjoni tal-faċilitajiet turistiċi tal-Fortina Hotel.

Illi l-istess medda t'art ġiet żviluppata mill-Fortel/Fortina group f'lido b'attrezzamenti adegwati għal dawk iż-żmenijiet.

Illi l-kumpanija Fortina Developments Limited urew ix-xewqa li jtejbu l-lido eżistenti billi jirrinovawh u jkabbruh f'wieħed illi jikkumplimenta l-lukanda ta' ħames stilel li huma preżentament qed jiżviluppaw fix-Xatt ta' Tignè u dan billi jżidu faċilitajiet u servizzi li jaqdu sew il-klijenti tal-Fortina Hotel Complex kif ukoll klijenti esterni.

Għal dan il-għan, wara konsultazzjonijiet rigorużi mad-diversi entitajiet konċernati nħareġ permess mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA 4590/19) sabiex jitkabbar il-Lido eżistenti.

Dan l-iżvilupp propost huwa deskritt illi jikkonsisti fis-segwenti:

> *'Demolition of an existing (Lido) restaurant terrace; removal of swimming pools and levelling of existing lido platform; extension of (the existing) lido platform to create a new swimming pool and extension of public foreshore access around platform; construction of a class 4D restaurant with kitchen (to serve Fortina Hotel) below promenade level; creation of public open space at promenade level above restaurant'*

Illi l-lido l-ġdid kif propost, jirrekjedi żieda ta' art tal-kejl ta' circa 504 $m^2$ kif murija mmarkata bl-ittra A fil-pjanta PD 76_91_1_1_A. Illi din il-medda t'art tikkonsisti fi 356 $m^2$ f'arja mill-baħar kif ukoll 148 $m^2$ t'art preżentament okkupata mill-passaġġ pubbliku li jinstab mal-periferija tal-lido eżistenti.

Illi bil-permess maħruġ mill-Awtorità tal-Ippjanar (PA4590/19), Fortina Developments Limited huma obbligati, li jibnu passaġġ għall-użu tal-pubbliku f'kull ħin, a spejjeż tagħhom, mingħajr ebda kumpens jew fondi pubbliċi, bħala estensjoni tal-passaġġ ġia eżistenti madwar ix-Xatt ta' Tignè u illi l-passaġġ imsemmi għandu jdur mal-periferija tal-lido l-ġdid kif propost. L-istess Fortina Developments Limited huma obbligati għall-manutenzjoni u reparazzjoni tal-istess passaġġ u moll mingħajr ma jkunu intitolati għal ebda kumpens jew fondi pubbliċi għal dak l-iskop.

Billi r-restaurant eżistenti f'xi postijiet jisporġi 'l fuq mil-livell tal-Promenade, dan għandu jiżżarma u jerġa' jinbena ieħor ġdid taħt il-livel tal-imsemmi Promenade. B'hekk se jingħata lok biex tiġi żviluppata pjazza għall-użu tal-pubbliku fil-livell tal-istess Promenade u li b'konsegwenza tat-tneħħija tar-restaurant mill-wiċċ tal-Promenade, se jinħolqu veduti ħafna isbaħ u mhux interrotti tal-Belt Valletta, Manoel Island u l-Bajja ta' Marsamxett.

Illi flimkien mal-arja tal-baħar u l-art hawn fuq imsemmija mmarkati bl-ittra A, l-arja tal-baħar u qiegħ il-baħar parzjalment adjaċenti għall-porzjon A u parzjalment għall-porzjon tal-moll tax-Xatt ta' Tignè, Sliema, iżda mmarkata bl-ittra B fil-pjanta PD 76_91_1_1_A, b'kejl ta' madwar ħmistax-il elf disa' mija u tmenin metru kwadru (15,980 $m^2$) huma intiżi biex jikkomplimentaw l-iżvilupp propost billi jitpoġġew mollijiet fuq wiċċ il-baħar, imbragati ma' mażżri mqiegħda f'qiegħ il-baħar, biex jiffaċilita l-imbark u l-iżbark minn inġenji tal-baħar. Dawn il-mollijiet irridu jiġu installati skont il-kundizzjonijiet, l-obbligi u permessi imposti mill-awtoritajiet kompetenti.

Billi l-kumpanija Fortina Developments Limited kienu talbu l-kunsens tal-Awtorità tal-Artijiet tramite applikazzjoni PLA 1/2019/1598 datata 5 t'April 2019, u sussegwentement ingħataw il-kunsens sabiex jissottomettu l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar PA4590/19, u billi l-permess eżekuttiv għal din l-applikazzjoni nħareġ bid-data tas-26 ta' Ġunju 2020 u jidher li dan ix-xogħol tlesta minn qabel, qiegħda tingħata din il-konċessjoni, il-kumpanija ser tħallas is-somma ta' €70,229.36 bħala kumpens ta' okkupazzjoni illegali ta' dan is-sit mid-data tas-26 ta' Ġunju 2020; u li din is-somma tirrappreżenta l-valur globali taċ-ċens dovut għal kull sena ta' okkupazzjoni illegali kif imnaqqsa bl-Indiċi ta' Inflazzjoni.

Billi huwa maħsub fl-artikolu 31, subartikolu (ċ) ta' Taqsima III tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kapitolu 573), li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita direttament skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment.

Billi huwa maħsub xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-artijiet tal-kejl ta' madwar 504 $m^2$ immarkati bl-ittra A u tal-kejl ta' madwar 15,980 $m^2$ immarkata bl-ittra B illi jidhru fil-pjanta PD 76_91_1_1_A ikunu trasferiti b'titolu ta' enfitewsi temporanju għal perjodu ta' 65 sena b'ċens rivedibbli, u b'ċens annwu totali ta' mija u erbatax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro (€114,468), skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-abbozz ta' kuntratt hawn anness.

04.07.2023

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

1. Abbozz Nru 47 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tielet Qari – Ministru għall-Ġustizzja;

2. Abbozz Nru 57 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u r-Regoli dwar it-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi – Tielet Qari – Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur

3. Abbozz Nru 50 – Abbozz ta’ Liġi dwar l-Agrikoltura – Tieni Qari (Kont.) – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

4. Abbozz Nru 62 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar iż-Żona Ekonomika Esklussiva u Liġijiet Varji – Tieni Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

5. Abbozz Nru 20 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

6. Abbozz Nru 3 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi, u l-Ugwaljanza

7. Abbozz Nru 17 – Abbozz ta’ Liġi dwar it-Twaqqif ta’ Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta’ Miżuri għall-Ħarsien ta’ Ġurnalisti, Persuni oħra b’irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

8. Abbozz Nru 18 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta’ Malta – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

9. Abbozz Nru 19 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

10. Abbozz Nru 23 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku – Tieni Qari – Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza

11. Abbozz Nru 40 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 3) – Tieni Qari – Ministru għall-Ġustizzja

12. Abbozz Nru 37 – Abbozz ta’ Liġi dwar Emendi u Tħassir ta’ Liġijiet Varji dwar l-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali – Tielet Qari – Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali

13. Abbozz Nru 53 – Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Arbitru għas-Servizzi Finanzjarji – Tielet Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

14. Abbozz Nru 58 – Abbozz ta’ Liġi dwar il-Fornituri ta’ Servizzi ta’ Finanzjament Kollettiv – Tielet Qari – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol

15. Mozzjoni Nru 119 – Twaqqif ta’ Bord ta’ Inkjesta dwar il-mewt traġika ta’ Jean Paul Sofia – Votazzjoni

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**7 ta’ Lulju 2023**

## KUMITATI TAL-KAMRA

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali se jiltaqa' nhar **it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023 fl-4.00 p.m.** fil-Kamra tal Kumitati fil-Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Diskussjoni dwar is-sitwazzjoni kurrenti tal-ħaddiema soċjali f'pajjiżna;
3. Affarijiet oħra.

### KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

Il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji se jiltaqa' nhar **it-Tnejn, 10 ta' Lulju 2023 fl-4.45 p.m**. fil-Kamra tal-Kumitati fil Parlament, il-Belt Valletta, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta għall-2022;
3. Affarijiet oħra.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI AĠĠUNT

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi Aġġunt se jiltaqa' nhar it-**Tnejn, 10 ta' Lulju 2023, fil-5.15 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 35 – Abbozz ta' Liġi dwar il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni; u
3. Abbozz Nru 59 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol maż-Żgħażagħ – Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni.

### KUMITAT GĦALL-KONSIDERAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI

Il-Kumitat għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi se jiltaqa' nhar it-**Tnejn, 10 ta' Lulju 2023, fil-5.15 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 60 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol; u
3. Abbozz Nru 43 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Produzzjoni tal-Petroleum – Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol,

u nhar it-**Tlieta, 11 ta' Lulju 2023, fis-2.00 p.m.** b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti;
2. Abbozz Nru 61 – Abbozz ta' Liġi biex ikompli jsaħħaħ il-Libertà tal-Espressjoni Artistika – Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali; u

**fl-4.30 p.m.** b'din l-aġenda:

3. Abbozz Nru 56 – Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent – Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża

Abbozz Nru 49 – Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija (Kont.) – Ministru għall-Ġustizzja

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi se jiltaqa' nhar **it-Tlieta, 11 ta' Lulju 2023 fis-2.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Kontinwazzjoni tal-eżami tar-Rapport tal-Awditur Ġenerali *An Investigation of Matters Relating to the Contracts awarded to ElectroGas Malta Ltd by Enemalta Corporation*.

**KUMITAT TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA**

Il-Kumitat tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika se jiltaqa' nhar **l-Erbgħa, 12 ta' Lulju 2023 fit-3.00 p.m.** fil-Kamra tal-Kumitati fil-Parlament, b'din l-aġenda:

1. Konferma tal-Minuti; u
2. Riżoluzzjoni dwar trasferiment ta' proprjetà – PAVI Shopping Complex Limited.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**7 ta' Lulju 2023**